# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Erbgħatax (14) ta’ Lulju 2021**

**Rikors Numru 1069/17 FDP**

Fl-ismijiet

**CSMR (1994) Limited (C16452)**

**Vs**

**(1) Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali u għal kull interess li jista' jkollhom;**
**(2) Avukat Kevan Azzopardi bħala likwidatur tal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652);**
**(3) Avukat Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta’ nazzjonalita’ Daniża Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited;**
**(4) Avukat Marisa Vella (397979M); u**
**(5) PL Jean Pierre Busuttil (409171M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta’ Novembru 2017, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur ta' l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi r-rikorrenti, flimkien mal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited, kienet intavolat il-proċeduri fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (C- 16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita' Daniża Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited (Rikors Ġuramentat Nru 337/2007AF), liema kawża ġiet deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, fl-1 ta' Novembru, 2016 fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonjiet u astjeniet milli tikkonsidra t-tieni u r-raba eċċezzjonijiet, caħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, b'dana illi gie deċiż ukoll illi l-ispejjeż għandhom jiġu sapportati mill-atturi fl-intier tagħhom;*

3. *Illi s-soċjeta' rikorrenti appellat mis-sentenza surreferita permezz tar-rikors tal-appell tagħha ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2016, u liema appell preżentement għadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u għad ma ġiex appuntat;*

4. *Illi permezz tal-imsemmi appell tar-rikorrenti, is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza surreferita u tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati; għalhekk il-kwistjoni tal-ispejjeż tal-kawża surreferita kurrentement għadha sub judice u għaldaqstant kwalsiasi talba għall-ħlas hija intempestiva in kwantu d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż ma tista' qatt titqies bħala finali f'dan l-istadju;*

5. *Illi minkejja dan, nhar l-1 ta' Ġunju, 2017, is-soċjeta' rikorrenti ġiet notifikata b'ittra uffiċjali maħruġa mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Ref Nru 1959/2017), permezz ta' liema l-esponenti ġiet mitluba tħallas is-somma ta' disat elef, tliet mija u disgħa u ħamsin Ewro u sitta u tletin ċentezmu (€9,359.36) allegatament dovuti lill-istess Reġistratur intimat bħala drittijiet tar-Reġistratur in konnessjoni mal-kawża surreferita;*

6. *Illi madanakollu jirriżulta illi l-ebda taxxa ma kienet annessa ma' dik l-imsemmija ittra uffiċjali maħruġa fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti;*

7. *Illi filfatt sal-llum il-ġurnata s-soċjeta' rikorrenti għadha ma ġietx regolarment notifikata bit-taxxa b'att ġudizzjarju a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi minkejja l-fatt illi t-taxxa de quo baqgħet qatt ma ġiet reża eżegwibbli u l-kawża għadha pendenti l-appell, l-intimat Reġistratur xorta waħda intavola mandati eżekuttivi kontra l-esponenti;*

9. *Illi di piu ma jidhirx illi l-ispejjeż u d-drittijiet professjonali kif intaxxati huma korretti in kwantu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-liġi billi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-sentenza suċitata, effettivament illimitat id-deċiżjoni tagħha fuq ir-responsabbilita' o meno tal-intimati u qatt ma daħlet fil-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni; u għalhekk il-kawża surreferita ma kellhiex tiġi intaxxata ad valorem iżda bħala punt ta' dritt;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija u dawk kollha li jistgħu jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża:*

1. *Tiddikjara t-taxxa ta' drittijiet u spejjeż maħduma nhar is-17 ta' April, 2017 fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (C-16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita' Daniża Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited, Rikors Ġuramentat Nru 337/2007AF, bħala erroneja u mhux skond il-liġi u għalhekk nulla u invalida;*

2. *Tħassar u tirrevoka t-taxxa surreferita;*

3. *Tordna lill-intimat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jerġa' joħroġ taxxa provviżorja pendenti l-eżitu tal-appell intavolat mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar l-1 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (C-16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita' Daniża Damlgaer International u Robert Damkjaer Limited, u dan abbażi ta' punt ta' dritt.*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fl-4 ta' Jannar 2018 daħlet in-nota responsiva tal-Avukati Dr Henri Mizzi u Dr Marisa Vella kif ukoll il-PL Jean Pierre Busuttil, fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*1. Illi l-intaxxar kif maħdum mir-Reġistratur intimat huwa korrett stante illi d-danni pretiżi mir-rikorrenti u atturi fil-kawża 337/2007AF, għalkemm ma kinux ġew determinati fir-rikors promutur tal-istess kawża, kienu ġew likwidati fil-mori tal-proċeduri mill-istess rikorrenti. Illi għalhekk, il-valur tad-danni likwidati mir-rikorrenti kien l-oġġett ta' trattazzjonijiet mill-partijiet fil-kawża tul il-mori tal-proċeduri. Għaldaqstant jingħad illi l-valur tad-danni jista' jiġi dedott mill-massa litiġjuża tal-kawża ladarba kien l-oġġett ta' dibattiti, trattazzjonijiet u skritturi ppreżentati matul il-proċeduri.*

*Il-fatt illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma ħassitx il-bżonn li tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni tad-danni ladarba iddeċidiet illi l-esponent nomine ma kienx responsabbli għal tali danni, bl-ebda mod ma tfisser illi il-kawża ma kellhiex tiġi intaxxatata ad valorem għaliex il-valur tad-danni mhux talli kien likwidat mir-rikorrenti tul il-proċeduri iżda talli kien il-bażi tal-provi mressqa u punt fimdamentali fin-nota ta' sottomissjonijiet.*

*In vista tas-suespost hija l-umli fehma tal-esponenti illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda u t-taxxa kif maħduma mir-Reġistratur għandha tiġi konfermata ladarba t-tassazzjoni għandha tiġi regolata mid-domanda (anke jekk mhux likwidata fir-rikors promutur iżda iktar tard fil-mori tal-kawża) indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet proposti mir-rikors għad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti ġewx finalment milqugħa jew le.*

*2. L-intimati m'għandhomx jeħlu ebda mill-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

*3. Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.*

3. Rat illi fl-4 ta’ Jannar 2018 daħlet ir-risposta tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, fejn laqa’ għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi din hija kawża ntavolata mill-atturi ai termini tat-Art. 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta permezz ta’ liema huma qegħdin jittentaw jattakkaw it-taxxa emessa mill-esponenti in segwitu għall-kawża bin-numru 337/2007AF fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (Cl6452) et vs. Avukat Dr Henri Mizzi noe. li ġiet deċiża fl-1 ta’ Novembru, 2016.*

*2. Illi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt inter alia minħabba dawn ir-raġunijiet:*

*(I) Illi a kuntrarju ta' dak li qed jgħid l-attur, ir-Reġistratur ma jieħux in konsiderazzjoni l-fatt ta' min ikun rebaħ jew tilef il-kawża meta jitlob id-dritt tar-Reġistru, imma d-dritt tar-Reġistru dejjem jintalab mingħand min ikun intavola l-kawża, u dan kif jgħid l-Artikolu 4(3) tat-Tariffa A tal-iskeda A annessa mal-Kap. 12 "... ir-Reġistratur tal-Qrati jista’ jitlob id-differenza (tal-ħlas tad-dritt tar-Reġistru) mill-parti li tkun għamlet il-kawża..." - hekk għamel f’dan il-każ.*

*(II) Di piu, indipendentement mill-fatt li f'dan il-każ il-parti telliefa kien l-attur fil-kawża, li sussegwentement ippreżenta appell, ma jwaqqafx (ir-Reġistratur milli jiġbor id-drittijiet tiegħu tal-Prim' Istanza għaliex kif ġia' ngħad, dawn huma u jibqgħu dovuti mill-*

*attur. Anke kieku kellha l-Qorti tal-Appeil tħassar is-sentenza tal-prim' istanza u tagħti raġun lill-attur, id-dritt tar-Reġistru tal-prim' istanza jibqgħu dovuti lejn ir-Reġistratur mill-attur;*

*(III) Illi, l-esponenti ma jaħdimx it-taxxa abbażi ta' min rebaħ jew tilef il-kawża kif donnu qed jippretendi r-rikorrent, iżda jaħdem it-taxxa skont it-talbiet magħmula fir-rikors u dan indipendentement minn jekk it-talbiet tal-attur jiġux milqugħa jew le. Fil-fatt, fil-kawża in kwistjoni, l-atturi kienu talbu lill-Qorti l-likwidazzjoni tad-danni u talbu wkoll li i-intimati jiġu kkundannati jħallsu tali danni. Dawn għandhom, għaldaqstant, jinħadmu ad valorem minħabba l-fatt li t-taxxa tinħadem fuq it-talbiet u l-pretensjonijiet tal-attur meta jkun fetaħ il-kawża.*

*(IV) Fil-fatt la darba kien hemm it-talba għal-likwidazzjoni ta' danni, l-esponent jaħdem it-taxxa skont l-Artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li tgħid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit" u fil-fatt hekk sar. Il-valur ta' danni li fuqu nħadmet it-taxxa, kien proprju l-valur indikat mill-attur stess fl-affidavit tiegħu a fol 254 u 264 tal-proċess li kien €982,489.*

*(V) Ir-rikorrent, jirreferi wkoll għall-fatt illi meta ntbagħtet l-ittra uffiċjali mir-Reġistratur għall-ħlas tad-dritt tar-Reġistru, ma kienx hemm taxxa annessa. Dan għaliex, it-taxxa li qed jirreferi għaliha r-rikorrenti ma torbotx lill-esponenti, iżda torbot lill-partijiet involuti fil-kawża. Id-dritt tar-Reġistru huwa eżegwibbli permezz tal-Artikolu 253(c) tal-Kap 12, u huwa dak id-dritt li ġie notifikat bih ir-rikorrenti fl-ittra uffiċjali datata 29 ta' Mejju 2017. Illi di piu l-atturi kienu notifikati b'avviżi mibgħuta lir-rikorrent qabel ma ġiet intavolata l-ittra uffiċjali u dan għażel li jinjorahom. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ġie notifikat permezz ta' att ġudizzjarju li rrenda dan id-dritt tar-Reġistru eżekuttiv.*

*(VI) Illi għandu jingħad illi l-Art. 64 tal-Kap 12 li fuqu l-attur qed jibbaża din il-kawża, jiskatta meta kreditur li jkun parti fil-kawża jinnotifika lid-debitur bit-taxxa uffiċjali maħruġa mir-Reġistratur u mhux meta r-Reġistratur jinnotifika lill-attur bid-dritt tar-Reġistru dovut lilu. Jiġi rilevat li r-Reġistratur mhux parti fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritassa u lanqas jiffigura fit-taxxa uffiċjali li qed tiġi attakkata. Id-dritt tar-Reġistratur, li jitħallas mill-attur, jitnissel mit-Tariffa A u huwa eżegwibbli a bażi tal-fuq imsemmi Artikolu 253(c) tal-Kap 12.*

*(VII) Illi l-attur isostni wkoll illi skond it-Tariffa A il-ħlas għandu jsir wara "s-sentenza finali". L-esponent jaqbel ma' dan imma jagħti tifsira differenti minn dik li jagħti l-attur għal kliem "sentenza finali". L-esponent jagħmel differenza bejn "sentenza finali" u "sentenza res judicata". Meta l-leġislatur ried jagħmel referenza għas-sentenza li tkun għalqet il-vertenza kollha dejjem għamel użu mill-kliem "res judicata" imma meta ried ifisser l-aħħar sentenza fi stadju wieħed għamel użu mill-kelma "finali" - hekk illi fl-Artikolu 231 jispeċifika: "Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali". Jidher ċar illi sentenza finali mhijiex dik li tingħata fl-appell imma fi kwalunkwe stadju. L-attur f'din il-kawża jrid li d-dritt tar-Reġistru jinġabar wara s-sentenza res judicata u dan il-liġi ma tgħidux.*

*(VIII) Illi finalment bil-qima jingħad illi l-attur ma ġab ebda raġuni valida għaliex il-qorti għandha tibdel it-taxxa jew li l-ammont reklamat mir-Reġistratur m'għandux jitħallas.*

*3. Illi għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*4. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

4. Rat illi fit-30 ta' Jannar 2018, Dr Kevan Azzopardi bħala Riċevutur Uffiċjali u stralċarju tas-soċjeta' xolta Robert Damkjaer (Malta) Ltd, laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva l-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30651) ġiet xolta permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Novembru 2012 - Rikors 785/2008MH, u l-esponenti Riċevitur Uffiċjali nħatar bħala stralċarju tal-imsemmija kumpannija. Sussegwentement l-esponenti ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u bl-appuntament għas smigħ ta' l-istess rikors;*

*Ai termini tal-Artiklu 224(2) tal-Kap. 386, ma' l-għemil ta' ordni għal stralċ "no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company or its property" ħlief bil-permess tal-Onorabbli Qorti, u tali azzjoni jew proċeduri jkunu soġġetti għal dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-Onorabbli Qorti kif jidrilha xieraq fil-każ partikolari. Minn imkien fl-atti ta' din il kawża ma jirriżulta li r-rikorrenti talab u ottjena xi permess mill-Onorabbli Qorti biex jipproċedi ġudizzjarjament bil-kawża odjerna. Għaldaqstant fl-umli fehma tal-*

*esponenti din it-talba hija rregolari u ma tistax tiġi istitwita jew titkompla kontra l-kumpannija xolta jew il-likwidatur tagħha;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva li l-intaxxar kif maħdum mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali intimat huwa korrett stante li d-danni pretiżi mir-rikorrenti u atturi fil-kawża 689/2011MH għalkemm ma kinux ġew determinati fir-rikors promutur tal-istess kawża, kienu ġew likwidati fil-mori tal-proċeduri mill-istess rikorrenti. Il-valur tad-danni likwidati mir-rikorrenti kien l-oġġett ta' trattazzjonijiet mil-partijiet fil-kawża tul il-mori tal-proċeduri. Għaldaqstant jingħad li l-valur tad-danni jista' jiġi dedott mill-massa litiġjuża tal-kawża la darba dan kien l-oġġett ta' dibattiti, u skritturi ppreżentati matul il-proċeduri.*

*Il-fatt li dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, ma ħassitx il-bżonn li tippronunzja ruħha fuq id-danni, għalkemm ippronunzjat ruħha dwar ir-responsabbilta', m' għandux ifisser li tali kawża ma kellhiex tiġi ntaxxata ad valorem, peress li valur tad-danni mhux talli kien ġie likwidat fil-mori tal-proċeduri, iżda dan kien il-bażi tal-provi mressqa u punt fondamentali fin-nota ta' sottomissjonijiet. Isegwi li t-taxxa kellha tinħadem fuq it-talbiet, anke jekk id-danni ma kinux likwidati fir-rikors promutur iżda fil-mori tal-kawża, u dan irrispettivament mill-fatt jekk it-talbiet tal-attur intlaqgħux minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, fl-umli fehma tal-esponenti it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*3. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponenti m'għandux ibagħti l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-każ.*

5. Rat illi fl-24 ta’ Jannar 2018 il-kawża ġiet differita għall-provi.

6. Rat ix-xhieda ta’ **Mark Ellul Sullivan**, rappreżentant tas-soċjeta’ rikorrenti, mogħtija fit-13 ta’ Ġunju 2018.

7. Rat illi fis-17 ta’ Ottubru 2018, fuq talba tal-partijiet, ġie deċiż illi l-kawża titħalla għas-sottomissjonijiet bil-miktub fuq l-ewwel eċċezzjoni ta’ Dr Kevan Azzopardi.

8. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Dr Henri Mizzi, Dr Marisa Vella u l-PL Jean Pierre Busuttil ippreżentati fl-1 ta’ Frar 2019.

9. Rat is-sottomissjonijiet ta’ CSMR (1994) Limited illi ġew ippreżentati fit-28 ta’ Frar 2019.

10. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fil-15 ta’ Ottubru 2019.

11. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ Dr Kevan Azzopardi ippreżentati fis-6 ta’ Novembru 2019.

12. Rat illi fis-7 ta’ Novembru 2019 il-partijiet talbu illi jittrattaw oralment ukoll.

13. Semgħet it-trattazzjoni orali illi saret fl-10 ta’ Diċembru 2019.

14. Rat illi fis-16 ta’ Ġunju 2020, din il-Qorti għaddiet biex tat sentenza parzjali fuq l-eċċezzjoni preliminari imqajjma minn Dr Kevan Azzopardi, bħala Riċevitur Uffiċjali, fejn ċaħdet tali eċċezzjoni.

15. Rat illi fit-22 ta’ Ġunju 2020, is-soċjeta’ rikorrenti ppreżentat kopja tas-sentenza CSMR (1994) Limited vs Dr Henri Mizzi et, Rikors Ġuramentat Nru 337/2007 deċiża fl-1 ta’ Novembru 2016.

16. Rat illi fl-24 ta’ Ġunju 2020, l-intimati Dr Henri Mizzi, Dr Marisa Vella u l-PL Jean Pierre Busuttil talbu illi jiġu allegati l-atti tal-proċess 337/2007, liema atti iżda ma setgħux jiġu allegati stante illi jinsabu quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex jiġi kkunsidrat u deċiż l-appell illi ġie interpost mis-sentenza tal-1 ta’ Novembru 2016.

17. Rat illi fit-8 ta’ Lulju 2020 il-Qorti awtorizzat lill-intimati Dr Henri Mizzi, Dr Marisa Vella u l-PL Jean Pierre Busuttil sabiex jippreżentaw kopja ta’ xhieda u dokumentazzjoni ppreżentata fil-proċeduri 337/2007, li ma setgħux jiġu viżjonati minn dina l-Qorti mill-proċess innifsu stante illi dana ma jinsabx fil-pussess tagħha.

18. Rat illi fit-13 ta’ Lulju 2020 ġiet ippreżentata nota b’dokumentazzjoni u xhieda prodotta fil-kawża 337/2007.

19. Semgħet ix-xhieda ta’ **Emanuel Sciriha**, Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, mogħtija fit 8 ta’ Ottubru 2020, u rat id-dokumentazzjoni estratta minn dina l-Qorti mill-proċess 337/2007 li kien għadu għand il-Qorti tal-Appell, ossija rapport redatt minn BDO Accountants and Consultants intitolat ‘***Fair Estimate for Damages on loss of Dany Agency***’, li ġie ppreżentat mis-soċjeta’ rikorrenti u jinsab eżebit a fol 251 tal-proċess.

20. Rat in-nota kjarifikatorja ppreżentata mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, fejn għarraf li huma wasslu għal komputazzjoni tagħhom fuq il-valutazzjoni mogħtija mill-BDO ta’ Lm 400,000, ekwivalenti għal €931,749. (fol 279)

21. Rat illi fit-2 ta’ Diċembru 2020 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

22. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta’ CSMR (1994) ippreżentati fil-25 ta’ Marzu 2021.

23. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ Dr Henri Mizzi, Dr Marisa Vella u l-PL Jean Pierre Busuttil, ippreżentati fit-2 ta’ Ġunju 2021.

24. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2021.

25. Rat illi fit-3 ta' Ġunju 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti**

26. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti CSMR (1994) Limited, fit-23 ta' Marzu 2007, nediet proċeduri kontra Dr Henri Mizzi bħala rappreżentant tas-soċjeta' Daniża Damkjaer International u kontra s-soċjeta' Robert Damkjaer Limited, fejn talbet is-segwenti:

    *1. Tinibixxi lill-intimati milli jispiċċaw il-prodotti Dany f'Malta tramite terzi.*

    *2. Fi kwalsiasi każ, inkluż jekk l-ewwel talba ma tintlaqgħax tiddikjara li l-intimati kisru l-arranġamenti kontrattwali eżistenti bejn il-partijiet inkluż il-kuntratti ta' Aġenzija u mmanuvraw biex jirrendu inutli l-istess arranġamenti u b'hekk irrendew ruħhom responsabbli għad-danni fil-konfront tar-rikorrenti.*

    *3. Tillikwida d-danni kkaġunati lir-rikorrenti bl-aġir premess, okkorendo bl-għajnuna ta' periti nominati għal dan l-iskop.*

    *4. Tikkundanna lill-intimati jħallsu d-danni likwidati, bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

27. Jiriżulta illi, bħala parti mill-provi prodotti mis-soċjeta' rikorrenti għal dak illi jirrigwarda danni minnhom pretiżi, ġie ppreżentat rapport tal-BDO Accountants and Consultants, minnha mqabbda sabiex jikkunsidraw il-valutazzjoni tad-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti u minnha pretiżi, liema Accountants waslu għas-segwenti konklużjoni: (fol 276)

    *Based on the figures above, our analysis indicate that Lm400,000 represents a fair compensation for indemnity and loss of earnings resulting from the loss of the 'Dany Agency' "*

28. Jirriżulta illi fl-1 ta' Novembru 2016, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti, fejn **<u>ċaħdet it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti</u>** filwaqt illi akkollat l-ispejjeż kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

29. Jirriżulta illi minn tali deċiżjoni, s-soċjeta' rikorrenti appellat, u sa llum dana l-appell għadu ma ġiex appuntat għas-smiegħ u deċiżjoni.

30. Jirriżulta illi fid-29 ta' Mejju 2017, ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ippreżenta Ittra Uffiċjali Nru 1959/17 fejn interpella s-soċjeta' rikorrenti CSMR (1994) Limited sabiex iħallas lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili l-ammont ta' €9,359.36, rappreżentanti drittijiet in konnessjoni mal-kawża Ċitazzjoni Nru 337/2007 CSMR (1994) Limited vs Dr Henri Mizzi.

31. Jirriżulta illi t-taxxa tal-kawża fuq imsemmija ġiet maħduma fis-17 ta' April 2017, iżda <u>ma hemm ebda indikazzjoni</u> dwar min talab il-ħruġ ta' tali taxxa w ma jidhirx illi ġiet notifikata lis-soċjeta' CSRM (1994) Limited, la wara l-ħruġ tagħha u wisq anqas mal-Ittra Uffiċjali 1959/2017 datata 29 ta' Mejju 2017.

32. Jirriżulta illi fl-24 ta' Novembru 2017, is-soċjeta' rikorrenti intavolat il-proċeduri odjerni, a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap 12, fejn talbet it-tħassir tat-taxxa maħduma fis-17 ta' April 2017, u dana għar-raġunijiet segwenti:

    a. It-Taxxa kif maħduma ma kellhiex tiġi intaxxata '*ad valorem*' iżda kellha tiġi intaxxata '*bħala punt ta' Liġi*', peress illi l-ewwel talba fil-kawża kienet dwar responsabbilta, ossja 'punt ta' Liġi', filwaqt illi t-talbiet l-oħra kienu sekondarji għall-ewwel talba, u għalhekk, la darba ġiet miċħuda l-ewwel talba, allura t-taxxa kellha tinħadem fuq 'punt ta' Liġi' u mhux 'ad valorem'.

    b. It-Taxxa maħruġa mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, ma tikkostitwix Titolu Eżekuttiv, stante illi ma ġietx notifikata lis-soċjeta' rikorrenti, kif jirrikjedi l-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12.

    c. Il-proċeduri intaxxati mir-Reġistratur ma humiex finali, stante illi hemm appell pendenti, u għalhekk t-taxxa għadha ma hijiex finali.

33. Jirriżulta illi l-intimati lkoll oġġezzjonaw għal tali talbiet.

34. Jirriżulta illi Dr Kevan Azzopardi, bħala Riċevitur Uffiċjali u Likwidatur tas-soċjeta' Robert Damkjaer (Malta) Limited, qajjem ukoll eċċezzjoni preliminari, li ġiet miċħuda minn dina l-Qorti fis-16 ta' Ġunju 2020.

**Ikkunsidrat**

35. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq l-Artikolu 64 tal-Kap 12, illi jgħid dan li ġej:

    *(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

> *(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.*
>
> *(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.*

36. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-partijiet irnexxielhom, lkoll flimkien, jagħtu definizzjoni ġdida għal kelma "*sommarjament*" li hija redatta u espressa fil-Ligi fuq kkwotata, u dan billi rnexxilhom itawlu u jkarkru l-kawża odjerna għall-erbgħa snin sħaħ, fuq medda ta' wieħed u għoxrin seduta – ċertament il-Leġislatur ipprovda li tali proċeduri jinstemgħu b'mod sommarju eżattament sabiex jiġi evitat tali dewmien. Kummenti ulterjuri dwar tali fatt ikun futili f'dana l-istadju.

**Punt ta' Dritt jew Ad valorem**

37. Jirriżulta, mir-rikors promotur kif redatt mis-soċjeta' rikorrenti, illi hija qiegħda tinsisti illi t-talba kif minnha redatta fil-kawża 337/2007 kienet waħda dikjaratorja biss, u għalhekk r-Reġistratur ma setax jgħaddi biex jaħdem taxxa '*ad valorem*'.

38. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-Reġistratur qiegħed jinsisti illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti ma kinetx unikament waħda dikjaratorja, iżda kienet ukoll waħda ta' likwidazzjoni tal-danni.

39. Jenħtieġ, għalhekk, f'dana l-istadju, illi jiġu eżaminati t-talbiet illi kienet għamlet is-soċjeta' rikorrenti fil-kawża 337/2007, liema talbiet huma riprodotti aktar' il fuq fil-para 26.

40. Jirriżulta, mill-mod kif ġie redatt ir-rikors promotur fil-kawża 337/2007, illi s-soċjeta' rikorrenti għamlet tlett talbiet b'kollox, ossija talba għall-inibizzjoni, talba dikjaratorja kif ukoll talba ta' likwidazzjoni ta' danni, liema talbiet saru lkoll flimkien.

41. Jirriżulta, di fatti, illi l-ewwel ħaġa li talbet is-soċjeta' rikorrent lill-Qorti hija li jiġu inibiti l-intimati.

42. Jirriżulta illi sussegwentement talbet li l-intimati jiġu dikjarati li kissru l-arranġament kontrattwali "**u b'hekk irrendew ruħhom responsabbli għad-danni**"

43. Jirriżulta, imbgħad, illi b'konnessjoni mat-tieni talba, s-soċjeta' rikorrenti talbet għal-likwidazzjoni tad-danni hekk sofferti minnha.

44. Il-Qorti tosserva illi, in linea mal-prassi adoperata regolarment fil-ftuħ tal-kawżi, is-soċjeta' rikorrenti naqset milli tiddikjara kemm kellu jkun il-quantum tad-danni, taħt il-pretest konvenjenti illi dana għandu jsir "*okkorendo bl-għajnuna ta' periti nominati għal dan l-iskop*", iżda il-Qorti konvinta illi dana ma sarx għax is-soċjeta' rikorrenti ma kellhiex indikazzjoni dwar kemm kellhom ikunu d-danni, iżda sar **unikament** sabiex is-soċjeta' rikorrenti ma jkollhiex tħallas drittijiet kbar dakinhar tal-preżentata tal-kawża.

45. Jirriżulta, di fatti, illi l-istess soċjeta' rikorrenti, fil-proċeduri 337/2007, ippreżentat rapport ta' esperti minnha mqabbda, ossija BDO Accountants and Consultants, illi ppreżentaw rapport "***Valuation Date: August 31, 2006***" fejn jgħidu biċ-ċar illi kumpens ġust kellu jkun ta' Lm 400,000, ossija € 931,749 kif jiċċara r-Reġistratur fin-nota kjarifikatorja tiegħu a fol 279.

46. Jirriżulta, għalhekk, illi kalkolu ta' danni pretiżi mis-soċjeta' rikorrenti kien jammonta ċertament għal € 931,749, u dana qiegħed jingħad mingħajr ma l-Qorti tieħu konsiderazzjoni ta' dak illi saħaq bil-ġurament Mark Ellul Sullivan fl-affidavit tiegħu ppreżentat fil-kawża 337/2007 a fol 74 ta' dak il-proċess, eżebit mill-intimat a fol 202 tal-proċess, fejn jgħid illi t-telf ta' profitti minnu kalkolati kien jammonta għal Lm 860,000, ossija € 2,003,261.

47. Jirriżulta ċar illi, a differenza ta' dak illi qiegħda tikkontendi s-soċjeta' rikorrenti, t-talba fir-rikors promotur ma kinetx BISS waħda dikjaratorja, iżda kienet UKOLL talba ta' likwidazzjoni u kundanna ħlas ta' danni, liema danni s-soċjeta' rikorrenti konvenjentement għażlet illi ma tindikax fir-rikors promotur tagħha.

48. Jirriżulta, għalhekk, illi r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali kien korrett li jasal għal konklużjoni illi l-kawża 337/2007 kellha tiġi intaxxata '*ad valorem*' peress illi r-riżultat finali mixtieq mis-soċjeta' rikorrenti ma kienx biss dikjarazzjoni iżda kien attwalment il-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas tad-danni. Kieku s-soċjeta' rikorrenti llimitat ruħha biss għal talba dikjaratorja, l-argumentazzjoni tagħha fil-proċeduri odjerni kien ikun wieħed validu. Madanakollu, fil-każ odjern, hija talbet ukoll għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, u għalhekk, la darba għażlet illi tagħmel tali talba, li ħadd ma ġiegħla tagħmel iżda kienet għażla tagħha, issa trid tħallas id-drittijiet dovuti ibbażati fuq tali talba – ossija drittijiet '*ad valorem*'.

49. Dwar kif inħadmu d-drittijiet dovuti mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, dina l-Qorti ftit għandha x'tikkumenta għajr illi tagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża '***Dr Carmelo Galea vs Silvio Zammit et***' deċiża fil-15 ta' Ottubru 2009, fejn, meta kienet qed tikkunsidra kif kellu jiġi kkalkolat l-kwantum tal-kawża, qalet is-segwenti:

> *"It-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens tal-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-*

*dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et - vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, ġie ritenut illi "meta l-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951". Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Ċivili, 17 ta' April, 1978."*

50. Kif ġia ġie rilevat minn dina l-Qorti, jirriżulta ċar, minn rapport ppreżentat bħala prova tagħha mis-soċjeta' rikorrenti fil-kawża minnha miftuħa kontra l-intimati, illi hija kienet qiegħda tippretendi bħala kumpens ġust, ta' mill-anqas is-somma ta' Lm 400,000, ossija € 931,749.

51. Il-fatt illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi s-soċjeta rikorrenti ma kellha dritt għal ebda kumpens jew danni ma jnaqqas xejn mill-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti fetħet il-kawża biex titħallas ta' danni minnha pretiżi w tali danni minnha pretiżi kien jammonta għal mhux anqas minn € 931,749.

52. Għalhekk, il-Qorti tqis illi t-taxxa kif maħduma mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili fis-17 ta' April 2017 hija waħda korretta u timmerita illi tiġi kkonfermata minn dina l-Qorti.

**Notifika u Eżegwibbilita' tat-Taxxa Uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż**

53. Jirriżulta illi r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ħadem it-'*Taxxa Uffiċjali tad-Drittijiet u Spejjeż*' fis-17 ta' April 2017, kif jidher mid-dokument eżebit mir-rikorrenti a fol 26 tal-proċess, iżda jidher illi tali taxxa ma hijiex iffirmata u ġiet attwalment iffirmata fl-4 ta' Ġunju 2018, kif jidher minn dokument ieħor ippreżentat mir-rikorrenti a fol 122 tal-proċess.

54. Jirriżulta ukoll illi dawna ż-żewġ kopji tat-taxxi ppreżentati lill-Qorti ma għandhomx indikat min attwament talab il-ħruġ ta' tali taxxa.

55. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12, l-ispejjeż ġudizzjarji kif intaxxati u likwidati mir-Reġistratur tal-Qorti jistgħu jiġu attakati sa żmien xahar, liema xahar jibda jiddekorri kif ġej:

    a. fil-<u>każ ta' min ikun talab</u> il-ħruġ tat-taxxa, ix-xahar jibda jiddekorri minn meta tkun ħarġet it-taxxa;

    b. fil-każ ta' persuni oħra, ix-xahar jibda jiddekorri minn meta jiġi notifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju.

56. Ma jirriżultax, mill-provi prodotti, illi kienet is-soċjeta' rikorrenti CSMR (1994) Limited jew il-konsulent legali tagħha li talbet il-ħruġ tat-taxxa (vide fol 26 u fol 122), u wisq anqas jirriżulta illi l-istess soċjeta' rikorrenti ġiet notifikata bit-taxxa fl-att ġudizzjarju datat 29 ta' Mejju 2017 mibgħut lilha mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili. (vide fol 25)

57. Jirriżulta għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti CSMR (1994) Limited qatt ma ġiet notifikata bit-taxxa maħruġa mir-Reġistratur, u għalhekk t-terminu ta' xahar stabbilit fil-liġi sabiex tikkontesta tali taxxa ma bediex jiddekorri fil-konfront ta' l-istess soċjeta' rikorrenti.

58. Il-Qorti tosserva wkoll illi la darba s-soċjeta' rikorrenti ippreżentat l-proċeduri odjerni fl-24 ta' Novembru 2017, għandu issa jitqies illi s-soċjeta' rikorrenti hija issa debitament notifikata bit-taxxa maħruġa fis-17 ta' April 2017, liema taxxa hija issa qiegħda tikkontestaha bil-proċeduri odjerni.

59. Dana qiegħed jingħad, stante illi, a tenur tal-Artikolu 253 (c) tal-Kap 12, huma titoli eżekuttivi:

> *Taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur tar-Reġistratur, ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi.*

60. Il-Qorti tirrileva illi, ladarba s-soċjeta' rikorrenti la talbet il-ħruġ tat-taxxa hi u wisq anqas ma ġiet debitament notifikata bit-Taxxa, allura hija ma kinetx f'posizzjoni illi tattakka l-validata o meno tat-taxxa, bil-konsegwenza illi t-taxxa maħduma fis-17 ta' April 2017, fid-data meta ntbgħatet l-Ittra Uffiċjali mir-Reġistratur tal-Qorti, ma setgħetx titqies bħala Titolu Eżekuttiv, peress illi l-perjodu stabbilit mil-ligi biex tiġi attakkata t-taxxa la beda jiddekorri u wisq anqas kien għadda u għalhekk ma jistax jitqies illi t-taxxa ma kinetx ġiet attakkata skond il-Liġi, kif jirrekjedi l-Artikolu 253 (c) fuq indikat.

**It-taxxa ma hijiex waħda finali**

61. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi, la darba l-kawża minnha oriġinalment ppreżentata hija issa soġġetta għall-appell, liema appell għadu ma ġiex deċiż, dak ifisser illi r-Reġistratur ma kellu ebda setgħa illi jitlob għal ħlas tad-drittijiet tiegħu għall-proċeduri fil-prim' istanza.

62. Jirriżulta illi r-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, da parte tiegħu, jikkontendi illi la darba hemm sentenza finali, huwa għandu s-setgħa illi jitlob li jitħallas id-drittijiet dovuti lir-Reġistru.

63. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tagħmel referenza għal dak illi huwa pprovdut fl-Artikolu 11 tat-Tariffa A tal-Kap 12, intitolat '*Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja*', liema Artikolu jgħid dan li ġej:

> *1) Ir-Reġistratur għandu jara li taxxa tal-ispejjeż tinżamm fl-inkartament ta' kull kawża u għandu jniżżel minnufih fit-taxxa l-ħlasijiet kollha magħmula lir-Reġistratur u l-ħlasijiet kollha dovuti lill-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet, u l-partijiet, l-avukati tagħhom u l-prokuraturi legali tagħhom ikollhom dritt għal kopja tat-taxxa f'kull ħin.*
>
> *(2) Fi żmien xahar mill-għoti tas-sentenza finali, ir-Reġistratur għandu jara li titħejja taxxa tal-ispejjeż finali u kopja tagħha tintbagħat lill-partijiet u lill-avukati u prokuraturi legali tagħhom.*
>
> *(3) Għall-preżentata ta' kull rikors fejn tintalab ir-ritassa jew l-approvazzjoni ta' ratissazzjoni ta' spejjeż rilaxxata taħt dan l-inċiż għandu jitħallas id-dritt ta' €50.*

64. Jirriżulta ċar, mid-diċitura ta' tali Artikolu, illi taxxa għandha tinħareġ fi żmien xahar **<u>mill-għoti tas-sentenza finali</u>**.

65. Biex wieħed jifhem x'ried ifisser il-leġislatur bil-kliem "*sentenza finali*", jenħtieġ illi ssir referenza għall-Artikolu 231 tal-Kap 12 fejn jirrigwarda appelli, u f'tali artikolu, jingħad is-segwenti:

> *Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi* ***<u>wara s-sentenza finali</u>*** *u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*

66. Jidher ċar, mid-diċitura ta' tali Artikolu tal-Ligi, illi meta l-leġislatur uża l-kliem "*sentenza finali*", huwa ried ifisser is-sentenza finali <u>f'istanza partikolari</u>, u mhux għal '*sentenza'* wara li tkun ġiet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Appell u li għalhekk saret *res ġudikata*. Dana jfisser, għalhekk, illi '*taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż*' għandha tinħareġ kemm wara deċiżjoni tal-Qorti fi stadju ta' Prim' Istanza, kif ukoll wara deċiżjoni tal-Qorti fi stadji sussegwenti. Ifisser ukoll illi, u f'kull stadju, tali taxxa għandha tkun soġġetta għar-regoli tal-Artiklu 64 u tista' tiġi kemm kkontestata kif ukoll enforzata skond il-Liġi.

67. Għalhekk, l-argument tas-soċjeta' rikorrenti fejn jingħad illi r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, ma setax jinsisti għall-ħlas tad-drittijiet tar-Reġistru qabel ma jiġi deċiż l-appell ma jreġġix u ma jsib ebda konfort legali, bir-riżultat illi dina l-Qorti tqis tali sottomissjoni bħala mhux aċċettabbli.

**Kummenti konklussivi**

68. Il-Qorti tosserva illi, mill-assjem tal-provi, jirriżulta illi r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, fis-17 ta' April 2017 ħadem it-taxxa tal-kawża Ċitazz Nru 337/2007 deċiża fil-Prim' Istanza fl-1 ta' Novembru 2016, liema taxxa iżda ma setgħetx titqies bħala Titolu Eżekuttiv fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fil-mument tal-preżentata tal-proċeduri odjerni, stante illi la kienet ordnata mis-soċjeta' rikorrenti u wisq anqas ma kienet lilha notifikata skond il-Liġi.

69. Il-Qorti tosserva wkoll illi, a differenza ta' dak pretiż mis-soċjeta' rikorrenti, ir-Reġistratur, Qrati u Tribunal Ċivili kien korrett illi jikkonsidra d-dritt tiegħu '*ad valorem*', u mhux bħala '*punt ta' dritt*', stante illi irriżulta ċar, mit-talbiet kif redatti mis-soċjeta' rikorrenti, li t-talba ma kinetx biss waħda dikjaratorja, iżda kien hemm ukoll talba ta' likwidazzjoni u kundanna ħlas ta' danni, bir-riżultat illi d-dritt tar-Reġistru kellu jinħadem *ad valorem*, kif korrettement għamel ir-Reġistraur, Qrati u Tribunali Ċivili.

70. Il-Qorti tosserva, finalment, illi Taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż hija enforzabbli għall-ġbir tad-drittijiet wara illi tingħata s-sentenza fis-stadju ta' Prim' Istanza, u hija hekk enforzabbli anke jekk is-sentenza tkun soġġetta għall-appell, u dana peress illi l-Liġi tagħmilha ċara illi taxxa għandha tinħareġ wara li jkun hemm '*sentenza finali*'.

71. In vista ta' l-argumentazzjoni kollha fuq magħmula, l-Qorti tqis illi t-talba kif redatta mis-soċjeta' rikorrenti permezz tal-proċeduri odjerni ma timmeritax illi tiġi akkolta.

**KONKLUŻJONI**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara lli rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dawna l-proċeduri sommarji billi, għar-raġunijiet fuq imsemmija:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti u għalhekk:

**Tiddikjara** t-Taxxa ta' Drittijiet u Spejjeż maħduma nhar is-17 ta' April, 2017 fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet *CSMR (1994) Limited (C-16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita'*

*Daniża Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited*, Rikors Ġuramentat Nru 337/2007AF, bħala waħda korretta u valida skond il-liġi.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**